# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skużat:* Stephen Mizzi Kunsillier (ser jattendi aktar tard matul il-laqgħa)
Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħat 29, 30, 31 u 32 tlestew u intbgħatu kollha lil Kunsilliera. Il-Minuti inqraw mil-Kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati kollha u jistgħu jiġu uploaded fuq is-sit elettroniku.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

4. **Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

1. Is-Sindku qal li b'dispjaċir jinnota t-tfixkil kbir li hemm fuq ir-rikostruzzjoni tat-toroq, fejn parti minnhom ser ikunu iffinanzjati mid-dipartiment tal-kunsilli lokali. Għad li kien hemm 'kustjoni bejn il-kuntrattur l-Asfaltar Ltd u l-Ministeru tat-toroq, wara li kien qed ikun allegat illi l-kuntrattur ma żammx ma xi linji ta' gwidi fuq xi rikostruzzjoni tat-toroq u weħel multa ta' €150 mit-Trasport Malta. Kellu jkun is-sindku li wara li informa lil Onor. Chris Said u lil Onor. Austin Gatt bil-problema li kienet qed taffetwa l-progress li jirrigwardja lil Ħal Kirkop. Is-Sindku stqarr li kellu laqgħa mal-kuntrattur is-Sur Paul Magro fil-presenza tas-Sur Ranier Busuttil, fejn ġew rekordjati l-minuti tal-laqgħa. Hu stat ta' fatt li waqt li kienu infurmaw lil Ministru Austin Gatt li kull permess kien inżamm lil kuntrattur, fl-istess ġimgħa li kellu l-permessi miżmuma inħareġ permess lil kuntrattur biex iqatta' trinka f'Bulebel. Dan ikonfermah Paul Magro u kompla informa lis-Segretarju u lis-Sindku illi fi żmien ħmistax kellu jkun kollox solvut u jinbeda' x-xogħol fuq it-trinek tal-ilma fi Triq l-Mdina. Is-Sindku qal li l-problemi mhux biss minn naħa tat-TM, imma hemm problema oħra tal-kuntrattur li għandu ħafna xogħol f' daqqa u qed issib kull tarf ta' skuża biex ma jibdix ix-xogħol fit-toroq ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku qal li f' mumenti bħal dawn, wieħed għandu jżomm il-paċenzja u ma jippanikjax, imma is-Sindku talab lis-segretarju biex jitlob lil kuntrattur jagħtih rendikont bil-kitba ta' kif hini is-sitwazzjoni minn naħa tal-operaturi tiegħu. Hu mifhum illi s-Sur Magro se jqabbad lil xi sub-contractor biex iqatta' t-trinek tal-ilma li jridu jagħdduhom qabel ma jingħata l-wiċċ.

2. Mario Salerno semma kif qed ikun imexxi l-iżvillup tax-xogħol fuq il-binja tal-kunsill il-ġdid. Is-Sur Salerno qal li kemm Joe Carbone il-viċi Sindku kif wkoll l-impjegati tal-IPSL qegħdin jaħdmu flimkien u l-viċi Sindku daħal anke nhar l-erbgħat 8 ta' Diċembru,

2010 biex jikkordina x-xogħol li beda jagħmel il-kuntrattur fuq l-installazzjoni tal-air condition cassette type. Joe Carbone qed jikkordina wkoll it-tqegħid tas-soffit fil-kmamar t' isfel u waqt li qed isir dan ix-xogħol, hemm ukoll il-kuntrattur tal-aluminium li qed ipoġġi l-aperturi tal-ħġieġ kemm fuq barra kif wkoll fuq in-naħa ta' ġewwa. Mario Salerno qal li din il-ġimgħa ġie l-kuntrattur tal-bibien u ħalla sketch fuq x' tip ta' bibien qed joffri biex jitwaħħlu fin-naħa ta' ġewwa. Is-Sindku qal li fuq barra twaħħlu l-aperturi tal-injam – il-bieb ewlieni u t-twieqi fiż-żewġ sulari. Illum il-kunsilliera jridu jiddeċiedu x' tip ta' bibien iridu jitwaħħlu fuq ġewwa, u li skond is-Sindku dawn iridu jkun konformi mal-istima li kien ibiddja hu stess. Is-Sindku qal li dak li kien fit-tender irid ikun iverifikat u ma jistax ikun hemm xi tbiddil minn dak li kien ittenderjat. Għalhekk il-mastrudaxxa irid jaderixxi ma' dak li hemm fit-tender u għalhekk il-bibien iridu jkunu tal-ħġieġ u kif kien mitlub fil-ħruġ tat-tender.

3. Mario Salerno tkellem ukoll fuq il-maniġġ tal-parks and soft areas. Hu mument diffiċli kemm għal min qed jaħdem l-art u kemm ukoll għall-flora għaliex mhix taghmel xita. Kollox xott u jekk it-temp se jibqa' hekk, allura se jkollna ħafna ħsara fl-iżvillup tal-flora. Mario qal li rridu nkellmu lil kuntrattur biex jieħu ħsieb il-bjar u ċ-ċisterni tal-ilma tal-lokalità. Mario qal li konna mistoqsija mid-dipartiment fuq l-inventarju ta' dawn il-ħażniet tal-ilma u s-sindku qal li jispera li ngħatat risposta fuq kemm hemm ġabra tal-ilma lil min saqsieha. Għad baqa' hafna arbuxelli x' jitħawwlu bħal ma hija l-lantana biex insebħu l-bordura tas-soft areas.

4. Is-Sindku qal li s'issa ma bdietx taħdem fuq l-inventarju tal-street furniture, Charmaine Caruana u Mario qal li jispera li sa l-aħħar ta' Jannar, 2011 ikollna risposta konkreta fuq dan l-inventarju. Jekk il-kunsill ma jkollux dan l-inventarju, jeħel 1% bħala multa. Din

il-multa ikollha wkoll riperkussjoni oħra fuq il-performance bonus tal-uffiċjal. Mario Salerno stqarr li hemm limitu għall-kollox u min ma jridx jaħdem kif hu muri li jaħdem, immur ifittex x' imkien ieħor.

5. Mario Salerno qal li għadu jrid jifhem kif ma ngħatawx flus mill-UIF, u s-Sindku jrid ikun jaf jekk intbgħatx kollox lil MEPA kif kien mitlub fil-ħin stipulate. Is-Sindku qal li s'issa jaf li uffiċjal tal-MEPA talab xi rapport minn naħa tal-engineer li se jkun responsabli mill-installazjoni ta' dan il-playing field equipment. Mario Salerno qal li Stephen Mizzi qed jaħdem fuq dan il-proġett u li ilu jikkordina t-twaqqif ta' dan l-equipment mal-aġent li rebaħ it-tender. Fuq aktar dettalji ta' kif se jitwaħħal dan l-equipment, se jagħti rendikont Stephen. Mario Salerno qal li fiċ-ċirkostanzi, jreġi ħafna l-argument illi l-equipment li hemm bħalissa u li hu skadut, jitbidel f' part exchange ma xi arbuxelli li għandna bżonn fl-inħawi tagħna. B' hekk niffrankaw kull tip ta' żmantar u xogħol li jista' jitwettaq b' mod aktar feliċi.

6. Rigward il-proġett tas-sostenibilita, hemm xi nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-għalliema li qed jaħdmu wara l-ħin tal-iskola ma' l-għalliema tal-iskola primarja. Is-sindku osserva b' għajnejh illi hemm tfal li għandhom disa' snin u li qegħdin jingħattaw homework ta' livell ħafna għoli minn dak li kapaċi jwettqu. Dan jgħodd ukoll għal xi wħud minn dawk li qegħdin jattendu wara l-ħin tal-iskola għall-programm Familiahort. Is-Sindku qal li jrid ikun hemm aktar kuntatti bejn l-għalliema tal-iskola li jgħallmu lil istess student matul il-jiem ma dawk li qegħdin jgħallmu wara l-hin, biex jinstab mezz kif dawn it-tfal jikbru fil-qasam akademiku. Hemm problema oħra illi dawn it-tfal ma jisselfux kotba mill-librerija publika. Jidher illi hemm xi problema illi dawn it-tfal ma jibżgħux għall-kotba u allura ma jingħatawx kotba bħala self. Madanakollu l-argument ireġġi jekk il-facilitator tmur hi personali ġewwa l-librerija, tissellef kotba u iżommhom hija sabiex dawn il-kotba

jinqraw speċjalment fil-vaganzi tal-milied. Mario Salerno qal li dan hu proġett li minnu nistgħu nitgħallmu ħafna u għall-vaganzi tal-Milied, dan il-grupp ta' għaxart itfal qed jakwista orrizonti ġodda u li kieku ma kienx għal dan il-programm, żgur li qatt ma kienu jiksbu l-progress. Mario semma wkoll li kien hemm xi rakkomondazzjoni fuq id-dieta tal-ikel wara talba tal-istudenti. Mario qal li kien hemm xi student li ma kompliex jiġi, imma l-vojt tiegħu intella' minn ħaddieħor. Is-sindku qal li kull xahar jinkiteb rapport mill-għalliema fuq il-progress tal-proġett.

7. Is-Sindku qal li wara li sar ftehim ma' Ricky Caruana biex jieħu ħsieb il-flora u s-soft area ħdejn il-mina, il-flora u l-ambjent sbieħ. Għad baqa' jitpoġġa l-Thot, statwa li tissimbolizza t-tferrix tal-għerf skond il-mitoloġija Mediterranja. Thot se jitpoġġa fuq il-piramida, li tissombilizza l-kultura Eġizzjana. Tista' tqajjem kontroversja fuq il-big bang, il-formazzjoni tal-ħin, il-krejazzjoni tad-dinja, l-iżvilupp neolitiku li iddomina s-sud ta' Malta. Żgur li dan ix-xogħol qed issir bil-ħsieb minn bniedem krejattiv u s-Sindku jispera li dan il-livell ta' maniġġ għandu jinżamm fuq nota għolja.

**5. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone**

5.1. Il-Viċi Sindku beda qal li bħalissa jinsab ippanikjat, għaliex iż-żmien li jitlesta l-kunsill qiegħed fil-final u bħalissa qaleb bil-ġurnata għandu sat-tielet ġimgħa ta' Frar. Huwa ser jagħmel l-almu tiegħu biex wara t-3.30pm imur jagħmel xi xogħol fil-kunsill pero ma jafx ikunx jista jlesti fil-ħin.

Is-Sur Carbone għamilha ċara daqs il-kristall li qabel ma jkollu l-Consumer Units, jiġifieri dak t'isfel u dak tas-sular ta' fuq, lesti mhux ser japplika għal dawl.

Carbone qal ukoll li jrid ikollu t-toqba lesta għall-cable tat-3 phase.

Huwa staqsa lis-Sindku u lis-Segretarju jekk jistgħux iċemplu d-distrett u jistaqsu x'qies triq tkun it-toqba għall-cable tat-3 phase.

Is-Sur Carbone qal li jonqos ukoll li l-bajjad ikompli ix-xogħol li fadal fuq il-faċċata.

Il-Viċi Sindku semmgħa mbgħad sqaq tar-Ramlija. Huwa qal li r-residenti u dawk li jużaw dan l-isqaq huma urtati għal Kunsill. Huwa issuġġerixxa li tintalab l-għajnuna mil-aktar fis possibbli għaliex huwa ta' inkonvenjent għal dawk li jużaw din it-trejqa. Carbone semmgħa lis-Sinjura Ġuża Farrugia li meta kienet marida tgħidx kemm kienet tbati biex idaħħluha bil-vettura sad-dar fejn kienet toqod ma' żewġha Karmnu.

Is-Sur Carbone semmgħa li nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2010, mid-9.30 sat-3.30 kważi jum sħiħ l-ajruplan tal-Medavia ma waqafx jirrejżja l-makni. Tant li huwa kien irtirat bl-influwenza u tgħidx kemm hassu mdejjaq b'dak l-istorbju. Ipprova jorqod u ma setgħax. F'xi 3.30pm ħabbat il-bieb u ġiet il-mara tat-tabib Grech, tibki u fi stat isteriku, għaliex bl-istorbju tal-makni it-tifla li tbati b'kundizzjoni f'widnejha tgħidx kemm batiet għax il-hearing aid hija ferm sensittiva u ħabtitha ħafna.

Joe Carbone cempel lis-Sindku li min-naħa tiegħu ċempel l-għassa u l-makni ntfew. It-tabib Grech issuġġerixxa firem biex issir petizzjoni kemm mil-koppin kif ukoll minn dawk ir-residenti ta' Ħal Safi. Dan sabiex tintalab lil Medavia biex issib post ieħor għat-testing kif ukoll jekk hemm bżonn jinbena blast barrier. Il-Viċi Sindku qal li ma ninsewx li meta inqatgħu is-siġar tal-grawnd il-ħoss żdied aktar għax kienu jintużaw bħala noise buffer.

Is-Sur Carbone irċieva kumment li int u ħiereġ minn Pjazza Żernieq għal triq il-Lewżiet hemm bżonn żewġ mirja tat-traffiku għaliex min ikun ħiereġ mil-pjazza ikollu joħroġ sa nofs it-triq biex jara ż-żewġ naħat.

Is-Sur Mizzi daħal aktar tard mal-laqgħa.

**5. Affarijiet oħra**

5.1. Il-performance tal-ħaddiema ser jingħata lil kulħadd. Dan ġie maqbul b'vot unanimu.

5.2. Is-Sindku qal li skond il-perit irridu inżidu l-għoli tal-puġġaman b'7 pulzieri għaliex qiegħed perikoluż.

5.3. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera sabiex jiftakru li il-ġimgħa d-dieħla ser jiġu jiffilmjaw għal proġett tal-Green challenge award.

5.4. Is-Sur Salerno tkellem rigward l-ATM u qal li għandna żewġ opzjonijiet li jew issir fil-kamra ta' wara l-uffiċċju jew inkella issir portable fejn ir-reception. Is-Sur Mizzi qallu li il-portable mhix possibbli pero s-Sur Salerno talab lil Stephen jorganizza laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-BOV u niddiskutuha.

5.5. Is-Sindku tkellem ukoll fuq laqgħa li kellu mal-Kunsill ta' l-Għarb u l-proposta li jsir exchange ta' residenti għal dak in-nhar ta' l-attivita ta' l-Irkotta fest f' Hal Kirkop u l-attivita tal-ġbejniet fl-Għarb. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Is-Sindku żied magħha u qal li din is-sena ser issir fil-21 u 22 ta' Mejju. Is-Sindku qal li nagħmlu laqgħa propju fuq l-irkotta fest nhar it-8 ta' Frar fejn ikun preżenti wkoll is-Sur Mario Camilleri.

5.6. Is-Sindku staqsa lil Stephen jekk ikkuntattjax lil Andrea Trapani il-Project Manager ta' l-SR techniques u Stephen wieġbu li għada ma kkuntattjahx għaliex ried ikun ċert li ma kkuntattjahx

xi ħadd ieħor, allura ikun hemm ittri doppji fuq l-istess suġġett. Is-Sindku ikkonfermalu dan u talbu biex jikkuntattjah u niltaqgħu xi darba wara t-3.30pm.

**6. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha b'vot unanimu pero kien hemm rimarka mis-Sindku li l-pagament tiegħu jgħaddi appena ilesti ix-xogħol u jagħmel il-paraqua. Il-pagamenti ġew proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

**7. Konklużjoni**

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |